MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 322/2008

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Premess illi l-kontendenti zzewgu fit-tlieta ta’ Gunju tas-sena elfejn (03.06.2000) fir-Registru Pubbliku biss kif jindika c-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. GF1;

2. Premess illi l-partijiet diga’ kellhom zewgt itfal qabel ma zzewgu, wahda bl-isem ta’ Ely li llum ghandha ghaxar (10) snin u Hannah li llum ghandha tmien snin (8);

3. Premess illi l-attrici qatt ma kellha l-hsieb li tizzewweg lill-konvenut u la hi u lanqas il-konvenut ma kellhom il-preparazzjoni mehtiega dwar ir-responsabiltajiet taz-zwieg;

4. Premess illi l-attrici zzewget biss wara pressjoni kbira u kontinwa mill-familjari taghha, specifikament il-genituri taghha, li riduha tirregolarizza lit-tfal mwielda barra z-zwieg.

5. Premess illi l-kunsens ta’ l-attrici inkiseb b’ qerq dwar kwalita’ tal-konvenut li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19(1c) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Premess illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19(1d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

7. Premess illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19(1f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

8. Premess illi l-partijiet, ghalkemm mhux interdetti jew morda minn mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19(1h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

9. U premess illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII li jirregola z-Zwieg, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi ghaliex m' ghandhiex din il-Qorti:

a) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti C B u A B huwa null u bla effett fil-ligi ai termini ta' l-artikoli 19 (1c), (1d), (1f) u (1h) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Tordna ghalhekk li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci ; izda fl-udjenza tas-7 ta' April 2009 iddikjara li jaqbel mat-talbiet ta' l-attrici ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg civili taghha mal-konvenut kuntrattat fit-3 ta' Gunju 2000 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-attrici kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-partijiet fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi rrizulta li fit-3 ta' Gunju 2000 l-attrici, cittadina maltija, izzewget lill-konvenut, cittadin libjan, meta dawn kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin ghal xi zmien u diga' kellhom zewgt itfal flimkien li twieldu fit-2 ta' Novembru 1997 u fit-28 ta' Lulju 1999. Wara konvivenza matrimonjali qasira u nstabbli ta' circa sena, il-partijiet isseparaw de facto.

Illum l-attrici ghandha relazzjoni stabbli ta’ hames snin ma’ ragel iehor li minnu ghandha tarbija, filwaqt li l-konvenut ukoll ghandu relazzjoni ma’ mara ohra.

Illi l-attrici tispjega li qabel ma zzewget lill-konvenut hija kienet f’ relazzjoni mieghu ghal circa hames snin, izda din ir-relazzjoni kienet wahda nstabbli peress li l-konvenut qatt ma wera l-hegga li jkollu relazzjoni stabbli maghha, anke peress li bhala barrani ma kienx facli ghalih li jsib xoghol adegwat. Ghal din ir-raguni l-attrici qatt ma riedet li tinghaqad mieghu fiz-zwieg, u dan, nonostante li kellha zewgt itfal minnu.

Tghid : “I tried to get out of the relationship so many times, and then when I got pregnant I had to face my responsibilities as a parent.”1

L-attrici tghid li okkazzjonalment kien ikollhom relazzjonijiet intimi bejniethom, u kienu joqghodu attenti biex ma tinqabadx tqila, izda b’ danakollu xorta nqabdet tqila darbtejn; u dan kien shock ghaliha. Ghalhekk it-tfal taghhom ma kienux ippjanati.

Illi pero’ il-pressjoni qawwija u kostanti ezercitata fuqha mill-genituri taghha, partikolarment ommha, biex tizzewweg lill-konvenut gjaladarba ghandhom zewgt itfal imwieldin barra z-zwieg, wasslet sabiex l-attrici eventwalment cediet u, kontra qalbha, zzewget lill-konvenut.

Hija tghid hekk : “I got married on the 3rd June 2000, and I did so solely for the two purposes mentioned. I completely refused to get married in church as I knew deep down that this marriage would not last long. It was never a marriage to me, it was only a way to legitimize my children and keep my parents happy as well as give C the chance to find a proper job, and start earning money.”[2]

[1] Dep. fol.23
[2] Affidavit fols.6 u 7

L-attrici tghid li, anke wara z-zwieg, il-konvenut baqa' bl-istess atteggjament irrespsonsabbli fil-konfront taghha u tat-tfal, u di fatti kienet hi li kienet izzomm il-familja, tmur tahdem u tghajjex lilu wkoll.

Minn naha tieghu l-konvenut jaqbel in sostanza ma' dak allegat mill-attrici. Huwa jikkonferma li huma kienu zzewgu "because her parents forced us to get married." Anke huwa jghid li eventwalment kien accetta li jizzewweg unikament minhabba t-tfal.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu mhux ghax verament riedu jghixu l-hajja konjugali flimkien, izda unikament biex it-tfal ikunu legittimati u l-konvenut jkollu opportunita' aktar li jsib xoghol. In-nuqqas ta' committment da parti tal-konvenut kien car u manifest peress li anke wara z-zwieg huwa baqa' bl-istess atteggjament irresponsabbli li kien wera' qabel iz-zwieg; minn naha taghha l-attrici tghid li hija kienet irrifjutat li tizzewweg bil-knisja ghax kienet diga' taf li z-zwieg mhux ser jirnexxi, izda xorta wahda ghaddset rasha u dahlet fi zwieg civili, filwaqt li kienet irrifjutat li tizzewweg bil-knisja.

F' dan il-kwadru tal-fatti l-Qorti tirravviza l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat da parti taz-zewg partijiet, stante li jirrizulta car li, ghalkemm il-partijiet esternament ghaddew minn cerimonja ta' zwieg, internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghhom huma eskludew obbligi matrimonjali essenzjali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-3 ta' Gunju 2000. L-ispejjez jigu sopportati bejn il-partijiet konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------